MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2012

Avviz Numru. 403/2011

**Triton Services Limited**

**Vs**

**Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni**

## Il-Qorti

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta' rikorrenti, wara li -ppremetiet illi permezz ta' ittra ufficjali tat-22 ta' Novembru 2011, kopja ta' liema tinsab annessa u mmarkata "Dok A", is-socjeta' esponenti giet notifikata b'dikjarazzjoni guramentata tal-intimat Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni fejn l-imsemmi kap ta'dipartiment iddikjara li l-Gvern ta' Malta kif minnu rapprezentat huwa kreditur tas-socjeta' esponenti fis-somma ta' tlett elef erba' mija u erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494,06) dovuti "*talli garrejt lejn Malta lil persuni bl-isem ta' Olga Ivanets, Olga Mzhachykh, Inessa Smirnova, Bogdan Butko, Olena Antoniak ta' nazzjonalita' Ukraina fuq it-titjira VV 233 nhar*

*is-16 ta' Lulju 2004 minghajr ma kellhom visa jew awtorizzazzjoni specjali ohra ghad-dhul leggitimu taghhom gewwa Malta u dan bi ksur tal-Artiklu 15 (5) tal-Att dwar l-immigrazzjoni";*

Illi l-esponenti jopponi t-talba tal-intimat stante li din hi infondata ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi preliminarjament, li l-pretensjoni tal-intimat hija preskritta skond id-dispozizzjonijiet tal-Art. 2156 (g) u (f) tal-Kodici Civili (Kap. 16);

2. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, illi s-socjeta' esponenti mhijiex legittimu kontradittur peress li la hi l-vettural u lanqas l-agent u ghalhekk m'ghandhiex tinzamm responsabbli ghal xi nuqqas ta' Aerosvit Ukrainian Airlines;

3. Illi subordinament u minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, illi t-talba hi nfondata fil-fatt u fid-dritt, anke peress li kif se jigi ppruvat fil-mori tal-odjerni proceduri, il-persuni msemmija fl-ittra ufficjali inghataw *visa* mal-wasla taghhom f'Malta;

Talbet bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddkjara t-talba tal-intimat Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni bhala wahda infondata a tenur tal-Art. 466 tal-Kap. 12 u dan taht dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat l-<u>ittra ufficjali</u> in esami annessa a fol 2 tal-atti u mmarkata "<u>A</u>" kif ukoll id-<u>dikjarazzjoni guramentata</u> skond il-ligi a fol 3 ibid.

Rat id-digriet a fol 4 u 5 tal-atti.

Rat ir-<u>risposta</u> tal-intimat (a fol 10 ibid) u li biha espona bir-rispett –

Illi permezz ta' rikors datat 7 ta' Dicembru 2011 is-socjeta' rikorrenti qieghda titlob lil din Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara t-talba tal-esponent ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef erba' mija u erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (EUR 3,494.06) mahruga permezz ta' ittra ufficjali datata 22 ta' Novembru 2011 bhala wahda infondata fil-fatt u fid-dritt.

Illi l-esponent ghall-kuntrarju jirribatti li s-somma mitluba minnnu hija gusta u timmerita konferma u dan kif diga' gie konfermat mid-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni datata 24 ta' Lulju 2007 fl-ismijiet "Triton Services Limited vs Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni (Appell Nru 41/2004) – kopja annessa u markata Dok AG 1.

Illi kif tajjeb ikkonkluda l-Bord fid-decizjoni msemmija l-passiggieri in kwistjoni vvjaggaw ghal Malta minghajr ma kellhom il-visa valida ghad-dhul u ghalhekk m'hemmx dubju li t-trasportatur ikkontravjena l-Artikolu 5 tal-Kap 217 meta naqas li jassigura li dawn il-hames passiggieri li ttrasporta lejn Malta ma kellhomx il-visa necessarja ghad-dhul gewwa pajjizna.

Illi inoltre dwar l-ewwel eccezzjoni tar-rikorrenti,l-esponent jirribatti li t-talba tieghu mhix preskritta stante li fil-kaz odjern kwalunkwe terminu rega' beda jiddekorri mid-data tad-decizjoni msemmija tal-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni ta'Lulju 2007, u jsegwi ghalhekk li la l-ittra ufficjali kontestata giet prezentata f'Novembru 2011, it-talba saret korrettament entro t-terminu tal-hames snin.

Illi inoltre s-socjeta' rikorrenti hija l-legittimu kontradittur ghat-talbiet tal-esponent stante li hija r-rapprezentanta legali ta' Aerosvit Ukranian Airlines u dan kif anke jirrizulta mill-proceduri tal-Appell li hi ntavolat quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni.

Ghaldaqstant u fid dawl tas-suespost l-esponent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti u tikkonferma t-talba tal-esponent kif kontenuta

fl-ittra ufficjali tieghu tat-22 ta' Novembru 2011, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' rikorrenti.

Rat l-imsemmija decizjoni tal-Bord imsemmi a fol 12 u fol 13 ibid.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verballizzat a fol 20 tal-istess atti kif ukoll id-digriet moghti fis-seduta tad-19 ta' Settembru, 2012 u l-verbal relattiv (fol 23 tal-atti).

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi kif jidher mill-atti, xehed John Debono (fol 18 u fol 19 ibid) in rapprezentanza tas-socjeta' rikorrenti u dan spjega li r-relazzjoni tas-socjeta' rikorrenti mal-linja tal-ajru barranija indikata, kienet ta' "supervising agent" u dan sabiex tara li s-servizzi moghtija mill-istess linja gewwa Malta, jkunu tajbin. Dwar pagamenti, l-istess linja tal-ajru kienet tiehu hsiebhom hi stess billi tiftiehem hi stess ma' min hu involut. Inoltre l-istess linja kienet involuta fit-transport ta' passiggieri mill-Ukraina lejn Malta u vici-versa. Fl-2004, pero', l-awtorita' involuta fl-immigrazzjoni hawn Malta kienet bidlet is-sistema dwar "visas" sabiex isir id-dhul f'Malta. Filfatt qabel, passiggieri li gejjin mill-Ukraina kienu jottjenu l-"visa" hawn Malta stess, liema passiggieri kienu jgibu maghhom id-dokument imsemmi fl-istess xhieda. Minhabba il-bidla li saret, il-passiggieri provenjenti mill-Ukraina u li kienu jaslu f'Malta minghajr "visa" kienu jithallew jidhlu f'Malta izda kienet tinghata twissija lill-linja tal-ajru. Hu sahaq li qatt ma kien agent ta' din il-linja, li kienet biss, torganizza "charter flights" u kienet talbet l-ghajnuna tieghu stante li kien konslu Onorarju tal-pajjiz involut. Dwar id-decizjoni tal-Bord tal-Appell imsemmi, hu qatt ma kien prezenti f'xi seduti u lanqas ma kien gie infurmat dwar id-"decide". Anzi sahaq li sakemm ircieva l-ittra ufficcjali in esami ".... jien ma kont naf xejn dwar il-kaz".

**Ikkunsidrat**

Illi dwar dak premess in rigward preskrizzjoni taht l-artiklu 2156 (f) u (g), dan l-artiklu u sub-inciz jghidu li l-azzjonijiet hemm indikati huma preskritti bit-trapass ta’ hames snin. Dan l-artikolu ghandu jigi konsiderat flimkien ma’ dak enumerat 2137 fejn jinghad illi l-preskrizzjoni ta’ azzjoni tibda mill-jum li fih l-istess azzjoni setghet tigi ezercitata. Fil-kaz in desamina, kif di gja inghad, is-socjeta’ rikorrenti kienet interponiet appell quddiem il-Bord kompetenti u dan, fl-24 ta’ Lulju 2004, iddecieda li jichad l-appell. Jikkonferma l-multi mposti u cioe dawk mitluba fil-kaz in desamina waqt li rrakomandata mitigazzjoni anke marginali.

Illi minn dan jidher li l-intimat seta’ jitlob il-hlas tal-multi mid-data specifikata cioe l-24 ta’ Lulju, 2004 waqt li l-ittra ufficjali in esami giet ipprezentata fit-22 ta’ Novembru 2011. Jidher car ghalhekk illi t-termini ta’ hames snin preskrizzjoni, bl-ebda mod ma kien skada.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar il-premessa in konnessjoni mal-kwistjoni ta’ legittima kontradittur mix-xhieda ta’ John Debono, tidher il-bazi ta’ din il-premessa fis-sens illi s-socjeta’ rikorrenti kienet biss “supervising agent”. Pero’ jidher car ukoll illi kienet is-socjeta’ rikorrenti li nterponiet l-appell imsemmi u ghalhekk accettat li tkun il-legittimu kontradittur hi stess. Konsegwentament ma tistax issa tghid li hi kienet biss dak imsemmi hawn fuq. Jigi rilevat illi il-kliem li ntuza ossia “supervising agent” hu pjuttost vag u incert izda jekk l-istess socjeta’ ntavolat proceduri ta’ appell, kif filfatt ghamlet, issa ma tistax tghid li ma hiex il-legittimu kontradittur u li ma tistax tigi mfittxa ghal hlas tal-istess multi.

**Ikkunsidrat**

Illi, fir-rikors promotur hemm premessa ohra fis-sens li t-talba skont l-ittra ufficjali hi bla bazi peress li l-premessi msemmija fl-istess ittra nghataw “visa” mal-wasla taghhom f’Malta. Dan il-punt gie diga’ deciz fl-Appell

interpost ta' din id-decizjoni jinghad ".... il-passiggieri vvjagaw ghal Malta minghajr ma kellhom il-visa valida ghad-dhul". Ghalhekk, fuq din il-premessa ghandha ssir referenza ghall-ewwel (1) paragrafu a fol 13 tal-atti u dak li jintqal fih. Certament din il-Qorti ma tistax tigi trasformata f'wahda ta' Appell ulterjuri minn din id-decizjoni.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi, ghalhekk, dak mitlub bir-rikors in esami ghandu jigi michud. Izda in rigward il-mitigazzjoni rakkomandata din il-Qorti ser tuzaha sabiex tnaqqas il-multi inflitti u minflok l-ammont mitlub dan ser jitnaqqas u "arbitrio buoni viri" ghas-somma ta €3,000 (tlett elef ewro). Ghal dawn il- -motivi, il-Qorti tichad it-talba in esami u tikonferma t-talba tal-intimat kif kontenuta fl-ittra ufficjali in esami b'dan li l-multi jigi ndotti ghal €3,000 (tlett elef ewro) globalment. In rigward l-ispejjez, dawn jithallsu mis-socjeta' rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------